MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 319/2008/1

**Alberto Serra**

**vs**

**Write-on Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta’ Settembru, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta April 2008, fejn intalab sabiex is-socjeta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta’ Euro3,377.59c (tlett elef tlett mija u sebgha u sebghin ewro u disa’ u hamsin centezmu) rapprezentanti valur ta’ kummissjoni fuq bejgh ta’

reklami li saru minnu waqt l-impjieg liema reklami gew ippubblikati u mhallsin u dana ghal perjodu ta' bejn Gunju 2007 u Frar 2008 fuq ir-revista Homeworks u Vivre.

Bl-ispejjes u bl-imghax.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta datata 4 ta' Gunju 2008 fejn fl-ewwel lok affermat in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal in vista li t-talba tikkoncerna allegat ksur tal-Kap 452; inoltre si tratta ta' kawza illecita peress illi l-attur qua impjegat qatt ma hareg xi fattura fiskali u fl-ahhar nett u fil-meritu li l-attur kien thallas ghas-saldu waqt l-impjieg tieghu.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Ezamina l-provi migjuba mill-partijiet u kif ukoll id-dokumenti esebiti.

Sema l-abbli avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw verbalment.

Ikkunsidra.

Fl-affidavit tieghu l-attur jispjega li huwa kien jahdem mas-socjeta konvenuta bhala sales executive. Parti mix-xoghol tieghu kien li jbiegh ir-reklami biex jidhru fuq ir-revisti tal-istess socjeta konvenuta. Jafferma li ghalkemm huwa telaq minn mas-socjeta f'Awissu 2007, kien gia biegh bizzejjed reklami biex ikopru sa l-ahhar tas-sena cioe 2007. Ighid li d-dritt tieghu ghal hlas ta' commission kien jirrizulta minn ftehim verbali u kwindi ma kienx imnizzel fil-kuntratt tieghu tax-xoghol. Ghal bidu kien jithallas commission bir-rata ta 3% u in segwitu din nizlet ghal 2.5% bil-patt u kondizzjoni pero li jekk xi reklam ma jmurx tajjeb jew ma jsirx il-hlas tieghu mill-klijent, l-attur ma kienx intitolat hlas ta' commission anke jekk in-nuqqas ma kienx ikun tort tieghu. Dan gie anke

ikkonfermat fi stadju ulterjuri minn Marc Spiteri rapprezentant tas-socjeta konvenuta. Fil-fatt irrizulta li d-dritt ta' hlas ta' commission fil-fatt kien inkluz fil-kuntratt ta' xoghol bejn il-kontendenti. Kienet biss ghalhekk ir-rata ta' commission li kellha tigi stabbilita u miftiehma verbalment. Fil-kuntratt tax-xoghol u job description esebiti bhala Dok MM1 it-tnejn jitkellmu fuq hlas ta' "sliding commission" ta bejn 2% sa 5%

Meta telaq mix-xoghol, l-attur ighid li kien thallas akkont l-ammont mizeru ta' Lm288 u xahar wara somma ulterjuri ta' Lm202. F'Novembru 2007 ircieva cheque ta' Lm151 u f'Dicembru ircieva l-ahhar pagament minghand is-socjeta konvenuta fl-ammont ta' Lm115. L-attur ippubblika u baghat spreadsheet esebita f'dawn l-atti bhala Dok A lis-socjeta konvenuta biex jispjegalha l-ammonti li kien fadallu jircievi. In segwitu ta' tali nformazzjoni huwa rcieva biss ammont iehor addizzjonali fis-somma ta' Lm221 pero peress li din intbghatet bil-kliem "in full and final settlement" huwa ma setax jaccettha u ghalhekk istitwixxa l-odjerni proceduri. Huwa jikkonferma li l-ammont minnu mitlub jikkoncerna commissions fuq reklami li kollha nbieghu minnu ghalkemm xi whud gew ippubblikati wara li telaq l-impjieg. Dan jinsab indikat mhux biss mill-imsemmija spreadsheet izda wkoll l-istess reklami jidhru fuq ir-revisti nfushom li wkoll gew prezentati mill-attur bhala prova.

In kontro-ezami l-attur jikkonferma li ghalkemm fil-bidu huwa kien inkarikat kemm mill-bejgh tar-reklami u kif ukoll mill-gbir tal-flus ghall-istess reklami, fl-ahhar sentejn tal-impjieg huwa gie dirett biex jiffoka biss fuq is-sales tar-reklami u mpjegat iehor gie assenjat il-kompitu tal-gbir tal-flus relattivi.Il-bejgh tar-reklam jigi meqjus bhala konkluz mis-socjeta konvenuta mal-klijent meta dan ta' l-ahhar jiffirma l-kuntratt u f'kaz li dan jithassar ghal xi raguni l-istess klijent ikun obbligat

li jhallas cancellation fee. L-ammonti li huwa rcieva minghand is-socjeta konvenuta wara li ttermina l-impjieg tieghu ma humiex inkluzi fit-talba odjerna.

Marc Spiteri in rapprezentanza tas-socjeta konvenuta jispjega l-posizzjoni tal-istess socjeta fuq il-kawza odjerna tramite l-affidavit tieghu. Huwa jikkonferma li l-attur kellu l-karika ta’ sales manager u li xogholu kien proprju li jbiegh ir-reklami ghar-revisti tas-socjeta. Huwa jafferma li Serra kien ikun intitolat li jigbor il-commission tieghu fuq il-bejgh tar-reklami li jkun ikkonkluda fl-istadju biss wara li s-socjeta tkun gabret il-flus relattivi minghand il-klijent. Jaqbel ukoll ma’ Serra fejn ighid li jekk ir-reklam ma jkunx ta’ soddisfazzjoni ghal klijent huwa ma jkunx intitolat li jithallas commission anke jekk tali nuqqas ma kienx ikun tort tieghu. Jaqbel ukoll in parti li fi stadju ulterjuri kienet inholqot il-karika ta’ Administration Manager li xogholu kien li jigbor il-flus minghand il-klijenti ghalkemm Serra xorta wahda kellu jibqa finalment responsabbli ghal gbir tal-istess stante li fl-ahhar minn l-ahhar kien hu li sejjer jircievi l-commission. Huwa jikkontendi kwindi li Serra kien intitolat fl-ahhar ta’ l-impjieg tieghu li jircievi l-commission fuq il-bejgh tar-reklami li huwa kien lahaq kkonkluda mal-klijent u cioe li (1) gie ffirmat il-booking order u (2) li Serra jkun gia gabar minghand il-klijent il-flus relattivi. Sa dan il-punt is-sur Spiteri jargumenta li Serra gia thallas il-commission kollu lilu dovut. Huwa fuq dan l-ahhar punt li donnu z-zewg nahat ma humiex qed jaqblu peress li Serra jikkontendi li la darba il-kuntratt gie ffinalizzat mieghu anke jekk ir-reklam gie ppubblikat u gie mhallas wara li telaq, huwa xorta wahda intitolat li jircieci l-commission relattiva. Fil-fatt Spiteri jikkonferma li l-impjegat li dahal wara l-attur ircieva il-commissions fuq reklami mibjugha minn Serra li pero l-flus taghhom ingabru wara t-tluq ta’ l-attur. In kontro-ezami. Spiteri jikkonferma wkoll li parti sostanzjali mill-

bookings ta' reklami konkluzi minn Serra fil-fatt gew ippubblikati f'perjodu ta' zmien wara li l-attur kien telaq minn mas-socjeta konvenuta. In segwitu Spiteri jafferma li ghax-xhur ta' Gunju, Lulju u Awissu 2007, l-attur kien thallas ghas-saldu tar-reklami migjuba minnu u li kienu gia thallsu mill-klijenti. Dana jirrizulta mid-dokumenit esebiti bhala Dok MSX2 pero tali pagament fl-ammont offrut ta' Euro515.95 baqa ma giex accettat mill-attur peress illi kien qed jigi mitlub minnu li dan jigi mhallas ghas-saldu. Dok MSX u Dok MSX1 provduti mis-socjeta konvenuta jirrigwardaw il-lista ta' klijenti li ordnaw ir-reklami ghar-revista ta' Homeworks ghal harga ta' Ottubru u Dicembru 2007. Mill-lista t'a Dicembru jidhru mmarkati bil-lapes xi klijenti li allegatament ma kienux ghadhom hallsu ghall-istess reklam pero prova aktar sostanzjata u accettabbli dwar dan in-nuqqas baqghet ma ngabitx.

Michael Mumford jikkonferma li l-commission kien jithallas lill-impjegat hekk kif jingabru l-flus minghand il-klijent u dana kif anke hemm indikat fl-istess job description artiklu 6 a fol 36 tal-process. Dan ix-xhud ikompli jikkonferma li Serra xorta wahda kien ikun intitolat li jiehu l-commission fuq bejgh konkluz minnu anke jekk il-flus minnghand il-klijent ikunu ngabru minn xi impjegat iehor.

Illi kif gia nghad aktar il-fuq jidher li d-divergenza ta' bejn il-kontendenti tikkoncerna il-hlas ta' commission ghar-rigward ta' reklami ordnati ghand l-attur pero pubblikati u mhallsa mill-klijent wara t-terminazzjoni tal-impjieg ta' l-attur u aktra u aktar fir-rigward ta' dawk ir-reklami li l-klijent baqa ma hallasx. Ghar-rigward dan l-ahhar argument, it-Tribunal isostni li s-socjeta konvenuta naqset li tressaq provi soddisfacenti dwar l-allegat nuqqas ta' hlas minghand xi klijenti. Ghar-rigward l-ewwel argument, jinghad li kuntratt bejn tnejn minn nies jigi pattwit u kunsidrat konkluz hekk kif il-partijiet

jiftiehmu fuq (1) is-servizz li ghandu jinghata u (2) il-prezz ghal tali servizz. Tali ftehim jista anke jsir verbali, multa magis bhal fil-kaz in disamina jekk isir bil-miktub. Difatti tant hemm rabta kontrattwali sa dan l-istadju li f'kaz li l-klijent xtaq jirtira minn tali ftehim huwa kellu javvicina l-parti l-ohra u jekk taccetta jkun tenut li jhallas cancellation fee. Il-fatt jekk il-klijent eventwalment ihallasx o meno fit-terminu pattwit huwa fattur konsegwenzjali ghal ftehim principali u mhux parti ntegrali tal-ftehim. Fil-fatt f'kaz li l-klijent jibqa ma jhallasx nonostante li jkun deher u gie pubblikat ir-reklam, ikun hemm dritt ta’ azzjoni favur is-socjeta konvenuta kontra l-istess klijent.

Illi in vista tal-premess ghalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-attur huwa ntitolat li jithallas il-commission lilu dovuta fir-rigward ta’ dawk ir-reklami konkluzi minnu sakemm dam impjegat mas-socjeta konvenuta anke jekk l-istess reklam gie ppubblikat u jew thallas mill-klijent wara tmiem l-impjieg tieghu.

Illi fir-rigward l-ewwel zewg eccezzjonijiet, jinghad li ghalkemm is-socjeta konvenuta ma gabet ebda provi fuq l-istess u wisq anqas gew inkluzi u jew imsemmija fit-trattazzjoni finali, jinghad li dan it-Tribunal ghandu pjena kompetenza li jisma u jiddeciedi dan il-kaz in vista tal-fatt li si tratta ta’ kawza ghal gbir ta kreditu dovut u mhux si tratta ta’ xi allegata ksur ta xi disposizzjoni tal-Kap 452. Fit-tieni lok jinghad li baqghet haga inspjegabbli u kwindi wisq anqas ipprovata l-ghala s-socjeta konvenuta allegat il-kawza illecita fit-talba odjerna tal-attur. Illi dwar l-ahhar eccezzjoni fejn gie allegat il-hlas, deher evidenti li l-attur baqa ma thallasx ghas-saldu u l-kwistjoni hija kemm ghandu jithallas u ta’ xiex u mhux jekk ghandux jithallas. Fil-fatt l-ammont ta’ hlas offrut mis-socjeta konvenuta lill-attur ghas-saldu baqghet ma gietx accettata mill-attur u ghalhekk gew intavolati l-proceduri odjerni.

> It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mis-socjeta konvenuta, kwindi jilqa' t-talba attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess socjeta konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma mitluba ta' Euro3,377.59c (tlett elef tlett mija u sebgha u sebghin ewro u disa' u hamsin centezmu) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-odjerna sentenza u bl-ispejjes kollha ta' din l-istanza a kariku tal-istess socjeta konvenuta.**"**

L-appell tas-socjeta` konvenuta fil-konfront ta' din is-sentenza hu artikolat fuq l-ilment illi t-Tribunal ma pprestax konsiderazzjoni adegwata lill-fatti prodotti ghaliex kieku kien jiskopri u jasal ghall-konkluzjoni illi l-attur ma adempiex ruhu ma' l-obbligi assunti minnu u ma wettaqx is-servizzi kollha tieghu. In partikolari, is-socjeta` appellanti tissenjala illi l-attur ma hax hsieb jotjeni "*booking orders*" iffirmati, ma rax li jsiru l-pubblikazzjonijiet relattivi tar-reklami skond dak pattwit mal-klijent, u ma segwiex jekk il-klijenti effettivament hallsux dak dovut minnhom ghal dawk ir-reklami;

Il-fatti fil-qosor li jinzlu mill-istruttorja tal-kaz huma dawk li jsegwu:-

1. L-attur kien impjegat mas-socjeta` konvenuta bhala "Sales Executive" skond kuntratt ta' impjieg tad-19 ta' Lulju 2002 (fol. 32). Huwa rrizenja minn dan l-impjieg f'Awissu 2007;

2. Skond ma jinghad fil-Job Description (ara dokument a fol. 35), huwa kien, "*inter alia*, responsabbli ghall-hrug ta' *invoices* u l-gbir tal-flus fuq xoghol konness mal-mansjoni tieghu u ghal-liema huwa kien intitolat ghal salarju kif ukoll ghal *sliding commission of 2 – 5%*" (klawsola 4.1 tal-kuntratt ta' impjieg). Hu provvdut ukoll illi "*remuneration of commission will be tied directly to the*

*successful collection of the full amounts of all invoices*" (para. 6 tal-Job Description);

3. Fl-Affidavit tieghu (fol. 10) u in kontro-ezami (fol. 23) l-attur jikkonferma l-ezattezza ta' dan il-ftehim u ta' l-ezekuzzjoni minnu fil-prattika, b'dan li jzid jaggungi illi fl-ahhar sentejn ta' impjieg il-kompitu tal-gbir tal-flus waqa' fuq l-Administration Manager ghal liema nholoq appozitament dan il-post. Ix-xhud Marc Spiteri (ara Affidavit tieghu a fol. 29 u wkoll il-kontro-ezami tieghu a fol. 44) jikkonferma dan, anke jekk izid jghid li l-attur xorta wahda baqa' responsabbli li jassigura li l-pagamenti jingabru, anke ghaliex, finalment, kien hu li ser jibbenefika mill-kummissjoni fuq dawk il-pagamenti;

Premessi dawn il-ftit fatti, hu rilevanti f'dan l-istadju, u ghall-iskop ukoll ta' l-ezami valutativ li jrid isir, illi jigi notat illi skond il-ftehim ta' impjieg ir-retribuzzjoni lill-attur ghall-prestazzjonijiet tieghu kienet miftehma fuq il-bazi ta' salarju fiss u dak ta' hlas addizzjonali in rapport ghar-rizultat utli ottenut. Din l-ahhar skema retributtiva msemmija hi mill-istess kuntratt rapprezentata minn hlas ta' kummissjoni komposta minn percentwali varjabbli ta' l-affari trattata mill-attur-impjegat. Ghal precizazzjoni, kif jihder li hu wkoll maqbul, fuq dawk l-affari li l-impjegat ikun assikura b'hidmietu u li, fuq kollox, ikunu konkjuzi *a buon fine*. Kif espress mix-xhud Marc Spiteri ghal kumpanija appellanti, l-iskop tal-kummissjoni kien dak li sservi ta' incentiv biex l-attur ibiegh izjed. Ara Affidavit tieghu;

Ma jidherx li tezisti divergenza illi l-kummissjonijiet ghal liema l-attur qed jirreklama l-hlas minghand il-kumpanija konvenuta originaw mill-*bookings* ghar-reklamar li l-attur kien lahaq irrealizza qabel ma temm l-impjieg tieghu. Dak li hu invece kkuntrastat mis-socjeta` appellanti jikkonsisti fid-deduzzjoni rikorrenti taghha illi l-attur ma haqqux dak il-hlas ghaliex huwa ma ottemperax ruhu, bl-adempiment fidili u l-partecipazzjoni shiha tal-fazijiet kollha mal-process tal-prestazzjonijiet ghal-liema hu kien hekk kuntrattwalment obbligat. Hekk, tilmenta, illi l-attur ma

ottjenix *booking orders* iffirmati, ma segwiex il-pubblikazzjonijiet relattivi tar-reklami, u ma attivax ruhu fil-gbir tal-flejjes dovuti mill-klijenti;

Bid-dovut rispett, l-ilment tas-socjeta` appellanti f'dawn it-termini mhux wiehed serju. Fil-kuntest il-Qorti jidhrilha li ghandha taghmel il-konsiderazzjonijiet li jsegwu:-

1. Fuq il-kwestjoni tal-*booking orders* mhux iffirmati tezisti l-ispjega ta' l-attur in kontro-ezami illi di regola dawn dejjem jigu ffirmati mill-klijent izda jezistu wkoll eccezzjonijiet fejn "per ezempju jkun klijent li jkun ilu jahdem maghna u jkun hemm certu fiducja fih u allura f'dak il-kaz jekk dan il-klijent partikolari jibghatilna l-ordni tieghu b'e-mail konna nikkonsidrawha bhala illi l-booking sar" (fol. 24). Minn imkien ma jirrizulta illi din l-ispjegazzjoni tinsab ikkontrastata jew xort'ohra, zmentita. Del resto, imbaghad, lanqas ma jidher li n-nuqqas ta' firma tal-*booking order* ikkreja xi tfixkil jew pregudizzju lis-socjeta` appellanti ghaliex, kif konfessat minn Marc Spiteri in kontro-ezami "*I confirm that most of the booking oders made by Mr Serra during his employment were in fact eventually published following the termination of his employment, even though some of them are not signed*" (fol. 46);

2. Ukoll fil-kaz tal-gbir tal-flus l-istess xhud imsemmi jammetti illi Rita Bonett, *qua* Administration Manager, kienet responsabbli ghall-iskop imtenni, jigifieri li "tghin fil-process tal-gbir tal-pagamenti minghand il-klijenti sabiex b'hekk seta' jonqos il-*paperwork* minn fuqi u minn fuq Alberto Serra u nikkoncentraw izjed fuq il-pubblikazzjonijiet il-godda li konna qed nahdmu fuqhom" (ara para 6 ta' l-Affidavit ta' Mark Spiteri a fol. 30);

3. Mhux lanqas accettabbli l-argoment illi l-hlas tal-kummissjoni kien bhal speci kondizzjonat ghall-attivita` personali mill-attur ta' dak li x-xhud imsemmi u rapprezentanti tas-socjeta` appellanti jikkwalifika bhala t-tliet fazijiet ta' l-operazzjoni. Dejjem in kontro-ezami dan ix-xhud jammetti illi l-hlas tal-kummissjoni lill-impjegat gdid

li ssostitwixxa lill-attur sar xorta wahda "*even though he did not perform the three stages which I mentioned in the sworn declaration*" F0l. 46). Dan jattalja ma' dak iddikjarat minn Michael Mumford, ex-azzjonist tal-kumpanija, fejn stqarr illi l-attur xorta wahda kien jircievi l-kummissjoni "*even though the funds would have been collected by myself*" (fol. 44);

Dejjem, imbaghad, fuq din il-kwestjoni tal-hlas, fil-konkret tal-fattispeci ma jidherx li r-ragonament tat-Tribunal jiddifetta minn vizzju logiku meta rrileva illi l-kumpanija appellanti naqset li ggib provi sodisfacenti dwar l-allegat nuqqas ta' hlas minn xi klijenti. Tabilhaqq, il-prova tan-nuqqas ta' hlas ma tistax issir sempliciment ghaliex, kif kontez mis-socjeta` appellanti fir-rikors ta' l-appell, ir-rapprezentanti taghha ghamel notament bil-lapes fuq id-dokumenti prezentati minnu. Dak in-notament jibqa' wiehed privat mill-parti interessata li taghmlu u ma jistax iserviha la l-kontro-parti, u wisq anqas it-Tribunal, ma tqeghdu in grad li jikkontrollaw. Dan, *multo magis*, imbaghad fejn it-Tribunal ikun ikkonfrontat mid-dikjarazzjoni ta' l-attur illi hu diversi drabi talab ghall-informazzjoni pertinenti minghand is-socjeta` dwar min hallas u min ma hallasx u din l-informazzjoni baqghet ma nghatatx lilu. Ara *in calce* ghall-kontro-ezami ta' l-attur a fol. 25.

Ghall-motivi kollha suespressi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------